32004D0292

31.3.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 94/63

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Marzu 2004

dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces u li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 1282)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/292/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq in-nefqa fil-qasam veterinarju [1], u l-aktar l-Artikli 37 u 37a miġjuba fiha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq il-verifiki veterinarji u żootekniċi li jgħoddu għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb li jkun komplut is-suq intern [2], u l-aktar l-Artiklu 20(3) tiegħua,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 fuq il-kompjuterizzazzjoni tal-proċeduri veterinarji ta' l-importazzjoni (il-proġett Shift), li temenda d-Direttivi 90/675/KEE, 91/496/KEE, 91/628/KEE u d-Deċiżjoni 90/424/KEE, u tħassar id-Deċiżjoni 88/192/KEE [3], u l-aktar l-Artiklu 12 tiegħua,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/398 tad-19 ta' Lulju 1991, dwar ix-xibka kompjuterizzata li tgħaqqad lill-awtoritajiet veterinarji (Animo) [4], tiddefinixxi l-prinċipji li jirregolaw ix-xibka ta' komunikazzjoni li tgħaqqad l-unitajiet veterinarji li hemm imniżżla fid-Deċiżjoni 2002/459/KE [5].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE [6] tistabbilixxi li għandha tiġi żviluppata s-sistema kompjuterizzata Traces li tkun tista' tintegra l-ħidmiet tas-sistemi Animo u Shift f'arkitettura waħda.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/486/KEE tal-25 ta' Settembru 1992, li tistabbilixxi l-forma ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru ta' lqugħ Animo u l-Istati Membri [7], tistabbilixxi li l-kuntratti li jsiru bejn l-Istati Membri u ċ-ċentru ta' lqugħ Animo se jintemmu fil-31 ta' Marzu 2004. Għalhekk, dik id-data għandha sservi bħala l-bidu tas-sistema Traces u b'hekk ikun evitat li l-kuntratti joqogħdu jiġġeddu.

(4) Uħud mill-Istati Membri ma jistgħux jużaw is-sistema Traces mid-data stabbilita mill-Kummissjoni, i.e. l-1 ta' April 2004, minħabba li dawn għadhom mhumiex lesti li jaqilbu mis-sistema Animo għat-Traces. Għalhekk, għandu jkun hemm dispożizzjonijiet għal perjodu transitorju biex dawk l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu bil-proċess tagħhom biex jaqilbu għas-sistema Traces.

(5) Id-Deċizjoni 92/486/KEE għandha tiġi emendata biex il-kuntratti bejn dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu minn dan il-perjodu transitorju u ċ-ċentru ta' lqugħ Animo jkunu jistgħu jiġġeddu.

(6) Il-kuntratti bejn iċ-ċentru ta' lqugħ Animo u l-postijiet ta' spezzjoni territorjali li jinsabu fil-Ġermanja, l-Awstrija u l-Italja li hemm imniżżla fl-Anness II għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 282/2004 tat-18 ta' Frar 2004 li tintroduċi dokument għad-dikjarazzjoni ta', u l-kontroll veterinarju fuq, annimali minn pajjiżi terzi li jidħlu fil-Komunità [8], għandhom ikunu addattati biex iqisu t-tneħħija skedata ta' dawk il-postijiet ta' spezzjoni territorjali minħabba s-sħubija ta' l-Istati Membri l-ġodda.

(7) Biex l-ewwel grupp ta' Stati Membri li jkunu se jaqilbu għas-sistema Traces ikunu jistgħu jaġġustaw ruħhom għaliha, it-tħaddim tas-sistema l-ġdida għandha tiddaħħal fi stadji differenti, waqt li jkun żgurat li kif appena din tiġi introdotta, il-livell ta' tagħrif ikun l-istess bħal dak miksub mis-sistema Animo.

(8) It-tagħrif kollu li jkun jinsab fid-dokumenti veterinarji komuni tad-dħul imsemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004 [9] għall-prodotti, fid-dokumenti veterinarji komuni tad-dħul imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 282/2004 għall-annimali, kif ukoll fiċ-ċertifikati għall-kummerċ intra-Komunitarju, kif armonizzati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 599/2004 [10], għandu jgħaddi permezz tas-sistema Traces.

---

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2001/572/KE (ĠU L 203, tat-28.7.2001, p. 16).
[2] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 315, tad-19.11.2002, p. 14).
[3] ĠU L 243, tal-25.08.1992, p. 27. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 95/1/KE (ĠU L 1, ta' l-1.1.1995, p. 113).
[4] ĠU L 221, tad-9.8.91, p. 30.
[5] ĠU L 159, tas-17.6.2002, p. 27. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2003/831/KEE (ĠU L 313, tat-28.11.2003, p. 61).
[6] ĠU L 8, ta' l-14.1.3, p. 44.
[7] ĠU L 291, tas-7.10.1992, p. 20. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2003/236/KE (ĠU L 87, ta' l-4.4.2003, p. 12).
[8] ĠU L 49, tad-19.2.4, p. 11.
[9] ĠU L 21, tat-28.1.4, p. 11.
[10] ĠU L 94, tal-31.3.4, p. 44.

(9) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artiklu 1

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(a) "Animo": ix-xibka kompjuterizzata li tgħaqqad l-awtoritajiet veterinarji, li hemm imsemmi fid-Deċiżjoni 91/398/KEE;

(b) "Traces": is-sistema veterinarja kompjuterizzata u integrata li hemm imsemmija fid-Deċiżjoni 2003/24/KE.

Artiklu 2

L-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema Traces mill-1 ta' April 2004 u għandhom jieqfu mill-jibagħtu messaġġi bis-sistema Animo minn dik id-data stess.

Artiklu 3

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħrif li ġej jiddaħħal fis-sistema Traces mill-1 ta' April 2004:

(a) Il-Parti I taċ-ċertifikati dwar il-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali u ta' prodotti li jkunu ġejjin mill-annimali li għalihom ir-regoli jkunu jeħtieġu avviż minn qabel;

(b) Id-dokumenti veterinarji komuni tad-dħul għall-annimali li jkunu qed jidħlu fi Stat Membru u maħsuba biex imorru fi Stat Membru ieħor, u

(ċ) Id-dokumenti veterinarji komuni tad-dħul għal prodotti li jkunu fi transitu fil-Komunità u għal prodotti li jiddaħħlu taħt il-proċeduri msemmija fl-Artikli 8, 12(4) u 13 tad-Direttiva 97/78/KE.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħrif li ġej jiddaħħal fis-sistema Traces mill-31 ta' Diċembru 2004:

(a) Il-Partijiet I u II taċ-ċertifikati tas-saħħa dwar il-kummerċ u l-Parti III fejn issir verifika;

(b) Id-dokumenti veterinarji komuni tad-dħul għall-annimali kollha li jidħlu fil-Komunità, u

(ċ) Id-dokumenti veterinarji komuni tad-dħul għall-prodotti kollha li jidħlu fil-Komunità, minkejja l-arranġamenti tad-dwana li għalihom dawn ikunu suġġetti.

Artiklu 4

Fil-leġislazzjoni tal-Komunità kull referenza li ssir għall-Animo għandha titqies bħala referenza għas-sistema Traces b'effett minn:

(a) l-1 ta' April 2004 għal dawk l-Istati Membri li ma jagħmlux użu mid-deroga prevista fl-Artiklu 5;

(b) il-31 ta' Diċembru 2004 għal dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga prevista fl-Artiklu 5.

Artiklu 5

B'deroga mill-Artiklu 2, l-Istati Membri jistgħu, jekk ikunu jridu, jintroduċu s-sistema Traces sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2004. F'dak il-każ, dawn għandhom jestendu l-kuntratti tagħhom maċ-ċentru ta' lqugħ Animo. Huma għandhom jawtorizzaw ukoll liċ-ċentru ta' lqugħ Animo biex dan jipprovdi lill-Kummissjoni b'kopja tl-messaġġi kollha li huma jibagħtu.

Artiklu 6

Fl-Artiklu 2a tad-Deċiżjoni 92/486/KE, il-paragrafu 8 li ġej għandu jiżdied:

"8. L-awtoritajiet koordinaturi f'dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga prevista fl-Artiklu 5 tad-Deċiżjoni 2004/292/EC (*) għandhom jiżguraw li l-kuntratti msemmija fl-Artiklu 1 ta' din id-Deċiżjoni jittawlu għal perjodu bejn l-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004, ħlief fil-każ ta' dawk il-postijiet ta' spezzjoni territorjali li hemm imniżżla fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 282/2004, li għalihom il-perjodu għandu jkun bejn l-1 ta' April 2004 sat-30 ta' April 2004.

Dwar dan il-paragrafu, dawn il-piżijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

— EUR 290 għal kull unità (unità ċentrali, unità lokali, post ta' spezzjoni territorjali).

— EUR 32 għal kull post ta' spezzjoni territorjali li hemm imniżżla fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 282/2004.

(*) ĠU L 94, tal-31.3.4, p. 63."

Artiklu 7

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa applikazzjoni tat-TI biex tkun tista' tirkupra messaġġi li jkunu ntbagħtu mill-Istati Membri li jkunu qed jieħdu sehem fis-sistema Animo u tintegrahom fis-sistema Traces.

Għal dan l-iżvilupp dwar il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fis-sistema Animo, il-Kummissjoni għandha tingħata s-somma ta' Ewro 48 000.

Artiklu 8

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni